# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**MHALLEF**

**ONOR. LORRAINE SCHEMBRI ORLAND**
**LL.D., M.Jur. (Eur.Law), Dip.Trib.Eccles.Melit.**

**Seduta ta' nhar il-Hamis, 31 ta' Jannar 2019**

**Kawza Numru : 21**
**Rikors Guramentat Numru : 423/2016/LSO**

**Rema sive Rima Elmabruk Mohamed M. Elghanemi (ID No 0333801L) f'isimha propju u bhala kuratrici 'ad litem' ta' binha minuri Zidan Sulieman Elbaden sive Zidan El Baden kif ukoll zewgha mit-tieni zwieg kontrattat mir-rikorrenti, Tarek Ali Mohamed Marae, ghal kull interess li jista' jkollu.**

**vs**

**Id-Direttur tar-Registru Pubbliku**

**Il-Qorti,**

**<u>I. PRELIMINARI.</u>**

Rat ir-rikors guramentat ta' Rima Elmabruk Mohamed Elghanemi *pro et noe et* datat 26 ta' Mejju 2016, fejn bir-rispett Rima Elmabruk Mohamed M. EIghanemi bil-gurament ikkonfermat:-

Illi meta twieled ir-ragel tar-rikorrenti *pro et noe* mill-ewwel zwieg minnha kontrattat, illum defunt, ismu u kunjomu gew indikati bhala Amir Elbaden filwaqt li meta twieldet ir-rikorrenti isimha u kunjomha gew indikati bhala Rima Elmabruk Mohamed M.EIghanemi, kif jirrizulta mic-certifikati tat-twelid rispettivi emessi fil-Libya markati Dok.A u Dok.B.

Illi meta r-ragel tar-rikorrenti *pro et noe* gie moghti c-cittadinanza Maltija u l-passaport tieghu gie emess ismu u kunjomu gew indikati bhala Amir Elbaden kif suppost, kif jidher mill-anness Dok.C.

Illi pero' meta c-certifikat tat-twelid tad-defunt gie registrat fir-Registru Pubbliku ta' Malta portanti n-numru progressiv ta' 833/2007, erronjament ismu u kunjomu tnizzlu bhala

Amir Sulieman Elbaden mentri messu gie indikat bhala Amir Elbaden. In oltre isem u kunjom missier id-defunt gew indikati bhala Abdulsalam Sulieman Elbaden mentri messhom gew indikati bhala Abdulsalam Elbaden. (Dok.D)

Illi konsimilment, meta c-certifikat tat-twelid tar-rikorrenti gie registrat fir-Registru Pubbliku ta' Malta progressivament numerat 3338/2001, bi zball isimha tnizzel bhala Rema mentri jisimha Rime. (Dok.E).

Illi meta l-imsemmi Amir Elbaden u r-rikorrenti *pro et noe* zzewgu, kif jidher mill-Att taz-Zwieg progressivament numerat 1890/2001 isem u kunjom ir-ragel gew indikati bhala Amir A. Sulieman Elbaden mentri ismu u kunjomu kienu Amir Elbaden filwaqt li isem u kunjom il-mara gew indikati bhala Rema El Ghanemi mentri isimha u kunjomha huma Rima Elmabruk Mohamed M. Elghanemi (Dok.F).

Illi meta twieled bin r-rikorrenti *pro et noe* u zewgha cioe' Zidan fl-Att tat-twelid tieghu li jgib in-numru progressiv ta' 1743/2008 filwaqt li fil-kolonna intestata taghrif dwar il-Missier/l-Omm isem u kunjom missieru gew indikati bhala Amir Sulieman Elbaden meta huwa in effetti kien jismu Amir Elbaden, mill-banda l-ohra fir-rigward tat-taghrif dwar ir-rikorrenti hija giet indikata bhala Rema Elbaden nee' Elghanemi mart l-istess Amir Sulieman Elbaden mentri isimha u kunjomha kellhom jigu indikati bhala Rima Elmabruk Mohamed M. Elbaden nee' Elghanemi mart l-istess Amir Elbaden. In oltre isem u kunjom it-tarbija gew indikati bhala Zidan Sulieman Elbaden mentri ismu u

kunjomu huma Zidan Amir Elbaden. Fl-ahharnett isem u kunjom missier ir-ragel tar-rikorrenti *pro et noe* gew indikati bhala Abdelsalam Sulieman Elbaden mentri messhom gew indikati bhala Abdelsalam Elbaden (Dok.G).

Illi meta r-ragel tar-rikorrenti *pro et noe* miet, kif jirrizulta mill-Att tal-mewt progressivament numerat 2123/2012 ismu u kunjomu gew indikati bhala Amir Sulieman Elbaden mentri ismu u kunjomu kienu Amir Elbaden u in oltre gie indikat li huwa kien mizzewweg lil Rema Elbaden nee' Elghanemi mentri messu gie indikat li huwa kien mizzewweg lil Rima Elmabruk Mohamed M.Elbaden nee' Elghanemi. Fl-ahharnett b'referenza ghal missier il-mejjet gie indikat li missieru jismu Abdelsalam Sulieman Elbaden mentri missieru jismu Abdelsalam Elbaden (Dok.H).

Ghaldaqstant l-esponenti *pro et noe* titlob bir-rispett illi din l-Onorabbli Qorti joghgobha tordna:-

1. Illi l-Atti tat-twelid tad-defunt registrat fir-Registru Pubbliku ta’ Malta u li jgib in-numru progressiv ta' 833/2007 ismu u kunjomu jigu indikati bhala Amir Elbaden minflok Amir Sulieman Elbaden mentri isem u kunjom missieru jigu indikati bhala Abdulsalam Elbaden minflok Abdulsalam Sulieman Elbaden;

2. Illi fl-Att tat-Twelid tar-rikorrenti registrat fir-Registru Pubbliku ta' Malta progressivament numerat 3338/2001 isimha jigi indikat bhala Rima minflok Rema;

3. Illi fl-Att taz-zwieg numru, 1890/2001 l-isem u l-kunjom id-defunt ragel tal-esponenti *pro et noe* jigu indikati bhala Amir Elbaden flok Amir Sulieman Elbaden filwaqt illi isem u kunjom ir-rikorrenti ghandhom jigu indikati bhala Rima Elmabruk Mohamed M. Elghanemi minflok Rema El Ghanemi;

4. Illi fl-Att tat-twelid ta' bin ir-rikorrenti *pro et noe* u l-mejjet zewgha li huwa progressivament numerat 1743/2008 ismu u l-kunjomu jigu indikati bhala Zidan Amir Elbaden minflok Zidan Sulieman Elbaden; l-isem u kunjom missier il-minuri jigu indikati bhala Amir Elbaden flok Amir Sulieman Elbaden; fir-rigward tat-taghrif dwar ir-rikorrenti hija ghandha tigi indikata bhala Rima Elmabruk Mohamed M. nee' Elghanemi mart l-istess Amir Elbaden flok Rema Elbaden nee' Elghanemi mart l-istess Amir Sulieman Elbaden u fl-ahharnett isem u kunjom missier id-defunt ragel tar-rikorrenti ghandhom jigu indikali bhala Abdelsalam Elbaden flok Abdelsalam Sulieman Elbaden;

5. Illi fl-Att tal-mewt tad-defunt ragel tar-rikorrenti li jgib in-numru progressiv ta' 2123/2012 ismu u kunjomu jigu indikati bhala Amir Elbaden minflok Amir Sulieman Elbaden u in oltre jigi indikat li huwa kien mizzewweg lil Rima Elmabruk Mohamed M. Elbaden nee' Elghanemi flok Rema Elbaden nee' El Ghanemi u fl-ahharnett l-isem u l-kunjom ta' missier id-defunt ragel tar-rikorrenti ghandhom jigu indikati bhala Abdelsalam Elbaden flok Abdelsalam Sulieman Elbaden.

Bl-ispejjez kontra l-intimat ingunt ghas-subizzjoni.

Rat li din il-kawza giet appuntata ghas-smigh ghas-seduta tat-12 ta’ Lulju 2016.

Rat ir-risposta guramentata tad-Direttur tar-Registru Pubbliku datata 24 ta’ Gunju 2017 (fol 29) fejn bil-gurament Dr Byron Camilleri ghan-nom u in rapprezentanza ta' l-istess Direttur tieghu ddikjara u kkonferma :

1. Illi preliminarjament, qabel is-smigh tal-kawza, b'ordni tal-Qorti ghandu jigi ppubblikat avviz fil-Gazzetta tal-Gvern talanqas hmistax-il gurnata qabel is-smigh tal-kawza a tenur **tal-Artikolu 254 tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta;**

2. Illi fl-ewwel lok huwa essenzjali ghall-intergrita` tal-gudizzju li r-rikorrenti titlob bl-applikazzjoni **tal-Artikolu 175 tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta** korrezzjoni fl-okkju ta' din il-kawza fis-sens li hija ghandha tidher bhala *'Rema sive Rima'* u mhux *'Rima'* filwaqt illi isem il-minuri ghandu jitnizzel bhala *'Zidan Sulieman Elbaden sive Zidan El Baden'* u mhux *'Zidan El Baden' stante* li dawk l-ismijiet ma jappartjenux lilhom skont kif jirrizulta mill-Atti ta’ Twelid taghhom bin-numru tal-iskrizzjoni 333 tas-sena 2001 u 1743 tas-sena 2008 rispettivament;

3. Illi minghajr hsara ghas-suespost, l-attur ghandu jispecifika taht liema artikolu tal-ligi huwa qieghed isejjes l-azzjoni tieghu halli b'hekk l-esponenti jkun f’ qaghda ahjar li jkun jista' jwiegeb. Kwindi f’ dawn ic-cirkostanzi l-esponenti

bil-permess ta' din l-Onorabbli Qorti umilment qieghed jirrizerva u jzomm shih id-dritt tieghu li jressaq eccezzjonijiet ulterjuri jekk ikun il-kaz u dan wara li r-rikorrenti jindika taht liema disposizzjoni tal-ligi hu qieghed jesperixxi l-proceduri istanti;

4. Illi fir-rigward tal-ewwel talba rigward l-informazzjoni provduta fl-Att tat-Twelid li jgib in-numru progressiv 833/2007, u cioe' isem u kunjom Amir Sulieman Elbaden u Abdulsalam Sulieman Elbaden id-dettalji gew imnizzla hekk kif stabbiliti fid-dokumenti provduti lid-Direttur tar-Registru Pubbliku skont Artikolu 244 tal-Kodici Civili. Illi l-Ufficjali tar-Registru Pubbliku gew provduti b'Att ta' Twelid mahrug mill-Awtoritajiet Libjani hawn anness u mmarkat bhala Dok A, filwaqt li giet provduta wkoll traduzzjoni ta' l-istess att hawn annessa u mmarkata bhala Dok B, li carament jindika l-ismijiet hekk kif registrati. Illi l-Ufficjali tar-Registru Pubbliku huma obbligati jirregistraw l-informazzjoni hekk kif provduta fl-Att esteru;

5. Illi fir-rigward tal-Att tat-Twelid li jgib in-numru progressiv 3338/2001, u cioe' l-isem Rema dan gie registrat hekk kif stabbilit mid-dokumenti provduti lill-Ufficjali tar-Registru Pubbliku skont Artikolu 244 tal-Kodici Civili. Illi l-Ufficjali tar-Registru Pubbliku gew provduti b'Att ta' Twelid mahrug mill-Awtoritajiet Libjani hawn anness u mmarkat bhala Dok C filwaqt li gie provdut traduzzjoni ta' l-istess Att hawn annessa u mmarkata bhala Dok D li carament jindika l-isem hekk kif registrat. Illi l-Ufficjali tar-Registru Pubbliku

huma obbligati li jirregistraw l-informazzjoni hekk kif provduta fl-Att esteru;

6. Illi fir-rigward tat-talba numru tlieta u l-Att taz-Zwieg li jgib numru progressiv 1890/2001, id-dettalji gew registrati skont ir-risposti ta' talba numru wiehed u talba numru tnejn;

7. Illi fir-rigward tar-raba' talba u l-Att tat-Twelid 1743/2008 kunjom il-minuri Zidan ma hux legalment possibli li jigi dikjarat bhala Amir Elbaden *stante* illi dan ma josservax Artikolu 4 tal-Kodici Civili li jistipula illi l-minuri ghandu jiehu kunjom missieru;

8. Illi fir-rigward ta' talba numru hamsa, id-dettalji ta' l-Att tal-Mewt li jgib in-numru progressiv 2123/2012, l-informazzjoni hija emenata minn Atti ohra li dwarhom giet intavolata din il-kawza;

9. Illi bla pregudizzju ghal fuq espost, l-esponent jissottometti li fi kwalunkwe kaz, l-azzjoni tar-rikorrenti mhijiex attribwibbli ghal xi ghemil jew nuqqas ta' agir ta' l-esponenti u kwindi huwa mghandux jigi assoggettat ghall-ispejjez tal-kawza istanti;

10. Salv eccezzjonijiet ulterjuri.

Bl-ispejjez kontra r-rikorrenti li qeghdin jigu ingunti in subizzjoni

Rat il-verbal tas-seduta tat-Tlieta, 25 ta' Ottubru 2016 fejn meta ssejhet il-kawza dehret Dr Graziella Tanti ghad-Direttur Intimat. Prezenti l-attrici. Billi l-Avukat tal-attrici kien jinsab impenjat f'Qorti ohra, l-kawza giet posposta. Meta regghet issejhet il-kawza dehret ir-rikorrenti assistita minn Dr Leon Bencini u Dr Graziella Tanti ghad-Direttur Intimat.
Il-Qorti rat it-tieni eccezzjoni u fuq talba tal-intimat mhux opposta ordnat il-korrezzjoni fl-okkju tal-kawza billi din ghandha tidher bhala "Rema sive Rima" minflok Rima biss, filwaqt li l-isem tal-minuri ghandu jinqara bhala "Zidan Sulieman Elbaden sive Zidan Elbaden", minflok Zidan Elbaden biss. Il-Qorti laqghet t-talba u tordna l-korrezzjonijiet kull fejn huma mehtiega, u l-intimat jghaddi ruhu b'notifikat bir-rikors guramentat kif korrett. Dr Bencini ddikjara li t-talbiet odjerni gew imressqa abbazi tal-Art 253.
Dr Bencini ghandu jipproduci 'translation' awtentikata tal-'family book' ta' missier il-minuri, esebit bhala Dok 'A', u dan fi zmien hmistax (15) minn dan id-digriet. Il-Qorti hatret lit-Traduttrici Nadia Lanzon sabiex taghmel traduzzjoni tad-dokument esebit mill-intimat a fol 33 u kif ukoll tad-dokument li ghandu jigi esebit mir-rikorrenti, rifferibbilment ghal Dok 'A' a fol 5 tal-process, u dan a spejjez provizorji tar-rikorrenti. Il-kawza giet differita ghar-rapport ghall-1 ta' Dicembru 2016 fid-9:30a.m.

Rat il-verbal tat-Tlieta 20 ta' Gunju 2017 (fol 48) fejn meta issejhet il-kawza dehret Dr Stephanie Ellul ghad-Direttur Intimat. L-attrici u d-difensur taghha msejha tliet darbiet ma dehrux. Il-Qorti rat li ma sar xejn f' din il-kawza ghal diversi xhur. Il-kawza giet differita Sine Die.

Rat ir-rikors tal-attrici *pro et noe* datat 11 ta' Ottubru 2017 (fol 49) fejn l-esponenti talbet lill-Qorti joghgobha terga' tappunta din il-kawza ghas-smigh biex tkun tista' tigi trattata u deciza; u l-Qorti laqghet it-talba u rriappuntat l-istess kawza ghas-smigh ghat-23 ta' Novembru 2017 fid-9:30am, u dan kif jidher bid-digriet moghti fit-12 ta' Ottubru 2017 a fol 50 tal-process.

Rat il-verbal tas-seduta tat-Tlieta, 11 ta' Dicembru 2018 fejn meta ssejhet il-kawza dehru d-difensuri tal-partijiet. Xehdet bil-gurament taghha Nadia Lanzon, liema xhieda giet registrata fuq is-sistema eletronika. Id-difensuri prezenti rrimettew ruhhom ghal provi. Il-kawza giet differita ghas-sentenza ghall-31 ta' Jannar 2019 fid-9:30a.m.

Hadet konjizzjoni tal-provi prodotti.

## II. <u>KONSIDERAZZJONIJIET</u>

Illi din il-kawza qed issir *ai termini* tal-**artikoli 253 *et sequens* tal-Kodici Civili**, li jaghtu dritt lil kull persuna li taghmel talba gudizzjarja ghall-korrezzjonijiet fir-registrazzjoni ta' ismijiet fl-atti tal-istat civili.

Illi l-pubblikazzjoni *ai termini* tal-**artikolu 254 tal-Kap 16** tal-Ligijiet ta' Malta saret debitament fis-6 ta' Gunju 2016 (fol 27-28) u b'hekk l-ewwel eccezzjoni tad-Direttur intimat hija sorvolata.

It-tieni eccezzjoni hija wkoll sorvolata, bil-korrezzjoni fl-okkju tal-kawza kif awtorizzata b'digriet datat 25 ta' Ottubru 2016, kif jirrizulta fil-verbal a fol 39 tal-process.

Illi r-rikorrenti qed titlob li ssir korrezzjoni f' diversi atti tat-twelid kif registrati f'Malta, fis-sens li isimha ghandu jigi indikat bhala "Rima" minflok "Rema". Qed titlob ukoll, korrezzjoni, fis-sens, li d-defunt zewgha ghandu jkun indikat bhala "Amir Elbaden" mhux "Amir Suleiman Elbaden".

Illi din hija registrazzjoni *ai termini* tal-**artikolu 244 tal-Kap 16** li tiddisponi li:

*"**244.** (1) Kull att ta' twelid, ta' zwieg, ta' unjoni ta' stat ekwivalenti kif imfissra fl-Att dwar l-Unjonijiet Civili jew ta' mewt ta' cittadin ta' Malta maghmul jew registrat f'pajjiz barrani minn awtorita` kompetenti f'dak il-pajjiz, li ma jkunx att maghmul jew registrat skont l-artikolu 270(1) jew (2), jista' fuq talba ta' kull min ikollu interess u wara li d-Direttur tar-Registru Pubbliku jkun sodisfatt dwar l-awtenticita` ta' dak l-att, jigi registrat f'dawn il-gzejjer bl-istess mod bhallikieku kien att maghmul minn wahda mill-persuni msemmija f'dan it-Titolu.*

*(2) Il-persuna li taghmel it-talba ghandha, ghall-finijiet tar-registrazzjoni, tikkonsenja lid-Direttur l-att li dwaru tkun saret dik it-talba."*

Illi f'kazijiet simili, fejn jintalab li jigi prodott Att tat-twelid, jew att ufficjali iehor, redatt f'pajjiz iehor b'lingwa li mhix wahda fost dawk ufficjali ta' pajjizna, d-dettalji imnizzla fl-

Atti f'Malta jittiehdu minn traduzzjoni mahruga minn dak il-pajjiz. Ghalkemm din it-traduzzjoni hija wahda ufficjali, mhux eskluz li mhix wahda akkurata.

Fir-rigward tal-mertu tal-kaz odjern, din il-Qorti hija fid-dover li taccerta l-verita` tal-fatti fejn tidhol l-identita` ufficjali tal-persuna kkoncernata, specjalment meta jkun qed jintalab korrezzjoni fil-kunjom. Id-dokumenti ufficjali u c-certifikati esebiti mir-rikorrenti jistghu jaghtu l-informazzjoni mehtiega sabiex il-Qorti tkun tista' tasal ghat-talbiet odjerni.

Ghal dan l-iskop, il-Qorti nnominat lil Nadia Lanzon, bhala esperta fit-traduzzjoni mil-lingwa Gharbija ghal-lingwa Ingliza. Mir-rapport taghha, esebit a fol. 67-72 tal-process, debitament mahluf fis-17 ta' Ottubru 2018, wara li saret it-traduzzjoni ta' dokument a fol 7, a fol 33 u 35, l-att tat-twelid ta' Amir Suleiman El baden, kif ukoll ta' Dok A, kopja awtentika tal-'family book' ta' missier il-minuri a fol 54 *et sequens*. Mir-rapport tal-esperta traduttrici jirrizulta li gie konkjuz is-segwenti:

| **Isem** | **L-ewwel verzjoni** |
|---|---|
| **Ir-rikorrenti** | **Rima Elmabruk Mohamed M. Elghanemi** |
| **Ir-ragel (defunt)** | **Amir Elbaden** |
| **Missier ir-ragel** | **Abdulsalam Elbaden** |
| **L-iben** | **Zidan Amir Albaden** |

Mill-konkluzjonijiet tal-esperta traduttrici Nadia Lanzon, irrizulta, li mic-certifikat tat-twelid tar-rikorrenti a fol 7, l-isem tar-rikorrenti huwa Rima Elmabruk Mohamed M. Elghanemi. Minn analizi tad-dokumenti a fol 33 u fol 55 gie konkjuz li isem ir-ragel defunt ghandu jkun Amir Elbaden, u l-verzjoni b'Suleiman hija zbaljata ghaliex Suleiman hu isem in-nannu tad-defunt u mhux isem missieru, skont kif indikat a fol 57 tal-process. Rigward isem missier id-defunt gie konkjuz li l-isem korrett ghandu jkun Abdulsalam Elbaden. Rigward isem iben ir-rikorrenti, il-verzjoni korretta hija Zidan Amir Albaden, *stante*, li t-tieni isem tal-wild ghandu jkun dak ta' missieru, u cioe` l-missier defunt, b'hekk l-isem ghandu jkun Amir mhux Suleiman.

Fid-dawl ta' dawn il-konkluzjonijiet, tichad is-seba' eccezzjoni tal-intimat, ghar-raguni, li sabiex il-minuri jiehu l-kunjom ta' missieru skont l-artikolu 4 tal-Kodici Civili, ismu ghandu jkun Zidan Amir Elbaden.

Gie rilevat mill-avukat difensur tar-rikorrenti, fil-verbal datat 4 ta' Dicembru 2018, li skont il-konkluzjoni tal-espert a fol 72 tal-process, il-mod kif inhu miktub il-kunjom tal-minuri huwa differenti mill-kunjom miktub ta' missieru u tan-nannu patern.

Illi xehdet l-esperta traduttrici Nadia Lanzon, li kkjarifikat, li z-zewg verzjonijiet huma accettati Elbaden u Albaden it-tnejn huma accettati. Ghalhekk, biex ikun hemm linearita' u l-iben ikun bhall-missier, iben ir-rikorrenti ghandu jkun ukoll indikat bhala “Zidan Amir Elbaden”, mhux kif hemm indikat fil-konkluzjoni tar-rapport taghha “Albaden.” Ikkonkludiet

ukoll, li missier ir-ragel hu Abdulsalam Elbaden, izda m'hemmx differenza bejn Abdulsalam u Abdelsalam, it-tnejn huma accetati.

Ikkonsidrat li l-intimat m'ghandux jigi addebitat bl-izball *stante* li ma giex ippruvat li l-izball kien dovut ghall-ghemil tal-intimat. Ghalhekk, l-intimat m'ghandux ibati l-ispejjez.

Illi l-partijiet, inkluz l-intimat irrimettew ruhhom ghall-provi skont verbal datat 11 ta' Dicembru 2018 (fol 75).

Fid-dawl tal-premess, din il-Qorti m'ghandha l-ebda raguni sabiex ma tadottax il-konkluzjonijiet tal-esperta mahtura u ser tghaddi biex tilqa' t-talba tar-rikorrenti ghall-korrezzjonijiet mehtiega.

Referebbilment ghar-raba', l-hames u sitt eccezzjonijiet, ikkunsidrat li huwa minnu li dak imnizzel fl-atti kif registrati jirrifletti id-dokument provdut lill-Ufficjali tar-Registru Pubbliku. Izda, jekk dak indikat fid-dokument provdut kien zbaljat, tista' ssir id-debita korrezzjoni mehtiega sabiex tigi riflessa l-vera identita` tal-persuna. Ghalhekk, tichad ir-raba', l-hames u s-sitt eccezzjonijiet tal-intimat.

## III. <u>KONKLUZJONI</u>

Illi ghalhekk, ghal dawn il-motivi, din il-Qorti **taqta'** u **tiddeciedi**, billi tilqa' t-talbiet tar-rikorrenti kif gej:

1. Tilqa' l-ewwel talba u tordna li Illi l-Atti tat-twelid tad-defunt ragel tar-rikorrenti registrat fir-Registru Pubbbliku ta' Malta u li jgib in-numru progressiv ta' 833/2007 ismu u

kunjomu jigu indikati bhala Amir Elbaden minflok Amir Sulieman Elbaden mentri isem u kunjom missieru jigu indikati bhala Abdulsalam Elbaden minflok Abdulsalam Sulieman Elbaden;

2. Tilqa' t-tieni talba u tordna illi fl-Att tat-Twelid tar-rikorrenti registrat fir-Registru Pubbliku ta' Malta progressivament numerat 3338/2001 isimha jigi indikat bhala "Rima" minflok "Rema."

3. Tilqa' t-tielet talba tar-rikorrenti u tordna illi fl-Att taz-zwieg numru, 1890/2001 l-isem u l-kunjom id-defunt ragel tal-esponenti *pro et noe* jigu indikati bhala Amir Elbaden flok Amir Sulieman Elbaden filwaqt illi isem u kunjom ir-rikorrenti ghandhom jigu indikati bhala Rima Elmabruk Mohamed M. Elghanemi minflok Rema El Ghanemi;

4. Tilqa' r-raba' talba u tordna li fl-Att tat-twelid ta' bin ir-rikorrenti *pro et noe* u l-mejjet zewgha li huwa progressivament numerat 1743/2008 ismu u kunjomu jigu indikati bhala Zidan Amir Elbaden minflok Zidan Sulieman Elbaden; l-isem u kunjom missier il-minuri jigu indikati bhala Amir Elbaden flok Amir Sulieman Elbaden; fir-rigward tat-taghrif dwar ir-rikorrenti hija ghandha tigi indikata bhala Rima Elmabruk Mohamed M. nee' Elghanemi mart l-istess Amir Elbaden flok Rema Elbaden nee' Elghanemi mart l-istess Amir Sulieman Elbaden u fl-ahharnett isem u kunjom missier id-defunt ragel tar-rikorrenti ghandhom jigu indikali bhala Abdelsalam Elbaden flok Abdelsalam Sulieman Elbaden

5. Tilqa’ l-hames talba u tordna li fl-Att tal-mewt tad-defunt ragel tar-rikorrenti li jgib in-numru progressiv ta' 2123/2012 ismu u kunjomu jigu indikati bhala Amir Elbaden minflok Amir Sulieman Elbaden u in oltre jigi indikat li huwa kien mizzewweg lil Rima Elmabruk Mohamed M. Elbaden nee' Elghanemi flok Rema Elbaden nee' El Ghanemi u fl-ahharnett l-isem u l-kunjom ta' missier id-defunt ragel tar-rikorrenti ghandhom jigu indikati bhala Abdelsalam Elbaden flok Abdelsalam Sulieman Elbaden.

Tordna li d-Direttur tar-Registru Pubbliku jigi notifikat b’kopja tas-sentenza ta’ din l-Onorabbli Qorti u dan skont l-**artikolu 256 tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta’ Malta**.

**L-ispejjez jithallsu mir-rikorrenti.**

**Moqrija.**

**Onor. Imhallef Lorraine Schembri Orland**
**LL.D., M.Jur.(Eur.Law), Dip.Trib.Eccles.Melit.**
**31 ta’ Jannar 2019**

**Josette Demicoli**
**Deputat Registratur**
**31 ta’ Jannar 2019**